# Edukazzjoni għall-Klima

Il-komunità parteċipattiva Ewropea għall-istudenti, għall-għalliema u għall-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni biex jaġixxu b'mod kollettiv dwar soluzzjonijiet edukattivi innovattivi għas-sostenibbiltà ambjentali.

- It-tibdil fil-klima mhux se jistenna. Ipparteċipa fl-Isfidi marbuta mal-Edukazzjoni għall-Klima issa.
- Flimkien ejjew nanalizzaw, nesperimentaw, u nivvalorizzaw mill-ġdid azzjonijiet konkreti ta' edukazzjoni għall-klima.

## Dwar xiex inhi?

Il-Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima hija komunità ta' edukazzjoni parteċipattiva biex tappoġġa l-bidliet meħtieġa għal soċjetà newtrali għall-klima.

""Biex tagħmel differenza" – dan huwa l-qofol tal-Koalizzjoni #EducationForClimate. Biex tagħmel differenza fl-iskola tiegħek, fil-viċinat tiegħek, fir-reġjun stess li tgħix fih u biex tikkontribwixxi b'mod attiv għat-tranżizzjoni ekoloġika li s-soċjetajiet tagħna jgħaddu minnha." (Il-Kummissarju Mariya Gabriel)

Bħala inizjattiva ewlenija taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 u parti essenzjali mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima hija parti mill-approċċ komprensiv tal-Unjoni Ewropea għall-edukazzjoni dwar is-sostenibbiltà ambjentali. Bħala komunità ta' prattika, din tarrikkixxi kemm ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar is-sostenibbiltà ambjentali kif ukoll il-qafas ta' kompetenza dwar is-sostenibbiltà bl-approċċ parteċipattiv tagħha biex tittieħed azzjoni dwar l-isfidi marbuta mal-edukazzjoni għall-klima fil-prattika.

Il-Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima trid tispira, tiżviluppa u tibbaża fuq kapaċitajiet edukattivi Ewropej innovattivi. Bħala komunità, din tiddeċiedi b'mod kollettiv, taġixxi b'mod kollaborattiv, u tadatta b'mod sostenibbli.

Il-prijoritajiet tagħha huma li:

- tħarreġ lill-għalliema
- tgħaqqad l-edukazzjoni max-xjenza
- tiżviluppa ħiliet u kompetenzi ekoloġiċi
- tqajjem sensibilizzazzjoni
- tbiddel l-imġiba

Għal dan, il-Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima qed taspira li

- toħloq komunità mmexxija minn studenti u għalliema mal-iskejjel u n-networks tagħhom u ma' atturi edukattivi oħra
- titgħallem mill-akbar għadd possibbli ta' esperjenzi rilevanti

- tnaqqas il-frammentazzjoni bejn is-setturi, l-oqsma u l-persuni attivi fl-edukazzjoni

## Għal min hija indirizzata?

Il-Koalizzjoni ta’ Edukazzjoni għall-Klima hija maħsuba biex tiġbor il-komunità edukattiva kollha fl-UE.

- L-għalliema, l-edukaturi, l-iskulari, l-istudenti, il-ħarrieġa u l-ġenituri fil-livelli u t-tipi kollha ta’ istituzzjonijiet
- Persuni attivi f’kull parti tas-sistema edukattiva: mill-indukrar bikri tat-tfal sal-apprendiment għall-adulti, mill-mużewijiet sal-industrija
- Tistieden ukoll lill-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni u lil korpi edukattivi oħra fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej

Għandna bżonnok biex noħolqu b’mod konġunt din il-komunità sabiex flimkien niżviluppaw inizjattivi u azzjonijiet innovattivi tal-edukazzjoni Ewropea għas-sostenibbiltà ambjentali.

## Il-Koalizzjoni kif se tappoġġa l-bidliet meħtieġa?

Aħna nappoġġaw il-ħolqien ta’ komunità pan-Ewropea li qabelxejn tagħmel sens għalik, il-komunità tal-edukazzjoni.

Bħala komunità inklużiva, diversa, kurjuża u kreattiva, irridu nagħtuk l-opportunità biex:

- tesplora l-inizjattivi u l-kompetenzi tal-pari tiegħek
- tinvolvi ruħek mal-pari tiegħek fir-rigward tal-kontributi tiegħek biex toffri u tikseb appoġġ għall-isfidi tiegħek marbuta mal-edukazzjoni għall-klima
- tanalizza u ġġedded azzjonijiet konkreti għall-isfidi parteċipattivi tiegħek
- timplimenta, tilħaq u tikkondividi s-soluzzjonijiet kollettivi tiegħek biex issaħħaħ il-kapaċitajiet

Irrikonoxxi jew issieħeb fi sfida parteċipattiva ma’ pari li jaħsbuha bl-istess mod biex tfassal u tixpruna l-bidliet meħtieġa għall-edukazzjoni għas-sostenibbiltà ambjentali. Minn attivitajiet fil-klassi u relatati magħha, għal materjali u riżorsi għall-edukaturi, għal politiki tal-kurrikulu: agħmel differenza u ħu sehem fid-dibattitu. Biex tibda l-proċess issa

## X’għandek tistenna ’l quddiem?

Ipproponi u kkondividi: flimkien, ejjew nibnu fuq ideat u inizjattivi ta’ edukazzjoni sostenibbli u nikkondividuhom biex b’mod kollettiv ninvolvu ruħna f’azzjonijiet konkreti ta’ edukazzjoni għall-klima madwar l-UE.

Il-Koalizzjoni ta’ Edukazzjoni għall-Klima tgħix permezz tal-involviment tiegħek: iddiskuti u ngħaqad mal-pari tiegħek biex taqsam l-ideat dwar l-isfidi u s-soluzzjonijiet tal-edukazzjoni tiegħek u tikseb ispirazzjoni u influwenza kollettiva għal azzjoni konkreta u immedjata biex flimkien nagħmlu differenza.

Aħna nappoġġaw lilek u lill-komunità tal-edukazzjoni f’dan l-isforz billi:

- infasslu b’mod konġunt il-komunità ta’ prattika permezz ta’ approċċ trasparenti, inklużiv u xjentifiku

- nibnu spazju kollaborattiv online biex jiġu sfruttati, żviluppati u vvalorizzati mill-ġdid ideat u inizjattivi konkreti ta' edukazzjoni dwar il-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali
- inħalluk tiġbor, tanalizza, tippreżenta, tippromwovi u timplimenta l-ideat u l-inizjattivi li inti ħloqt flimkien ma' oħrajn
- nipprovdu appoġġ komunitarju fil-livell tal-UE permezz ta' pjattaforma komunitarja kollaborattiva soċjali

## Kif tista' tipparteċipa issa stess?

Hemm diversi modi kif tista' ssawwar u tkun parti minn din il-Koalizzjoni emerġenti:

- ipparteċipa f'workshops tal-komunità biex tirfina l-komunità komuni tagħna
- żomm kuntatt: segwi l-iżviluppi tagħna fuq il-paġna web tagħna u nkiteb għan-newsletter
- xerred il-messaġġ tagħna biex tikkonvinċi lill-pari tiegħek jipparteċipaw sabiex flimkien nagħmlu differenza għall-edukazzjoni għas-sostenibbiltà ambjentali
- immarka l-kalendarji tiegħek għat-tnedija tal-pjattaforma kollaborattiva tal-komunità fl-ewwel Jum ta' Edukazzjoni għall-Klima fil-25 ta' Novembru 2021
- ibqa' segwi għal aktar opportunitajiet ta' parteċipazzjoni li għandhom jitħabbru fl-avveniment ta' qabel is-COP "Youth4Climate" f'Milan (28-30.09.2021) u fil-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima fi Glasgow (31.10. - 12.11.2021)
- ikkuntattjana fuq dan l-indirizz elettroniku: EC-EDUCATION-4-CLIMATE@ec.europa.eu